Qorti Civili, Prim'Awla

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru: 765/2014AE

**Raymond Cutajar**

**Vs**

**Patricia Cutajar**

It-Tnejn, 12 ta' Ottubru, 2015.

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fit-3 ta' Settembru 2014, l-attur ippremetta u talab:-

*1. Illi bejnu u bejn martu l-konvenuta giet ippronunzjata s-separazzjoni personali permezz ta' sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tal-4 ta' Frar 2012 (ara Dokument 'RC1' hawn anness);*

*2. Illi fil-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti gja' ezistenti bejn il-kontendenti l-imsemmija sentenza halliet lill-esponenti u martu kopropjetarji tad-dar bl-isem 'Waterfalls', Ghajn Kajjet, Rabat, Malta, li fiz-zwieg kienet id-dar matrimonjali u li in segwitu ghas-separazzjoni ma baqghetx aktar id-dar matrimonjali billi l-konvenuta stabbiliet ir-residenza taghha band'ohra;*

*3. Illi s-sentenza precitata ordnat ukoll il-bejgh tal-imsemmija dar fis-suq hieles ghall-prezz minimu ta' mitejn u ghaxart elef Euro (€210,000);*

*4. Illi in segwitu ghall-imsemmija separazzjoni personali huwa baqa' jghix fid-dar bl-isem 'Waterfalls', Ghajn Kajjet, Rabat, Malta, kif kellu kull dritt illi jaghmel bhala kopropjetarju, sakemm l-istess dar tinbiegh;*

*5. Illi fil-5 ta' Dicembru 2013 il-konvenuta ipprezentat rikors fil-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fl-ismijiet inverse (ara Dokument 'RC2' hawn anness) li permezz tieghu hija talbet lill-Qorti tiddikjara li l-esponenti ghandu jivvaka mill-imsemmija dar fi zmien xahar u tordna l-izgumbrament tieghu anke permezz tal-Marixxalli tal-Qorti u l-Pulizija Ezekuttiva;*

*6. Illi b'digriet tal-24 ta' Jannar 2014 il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) laqghet it-talba maghmula permezz tar-rikors tal-konvenuta tal-5 ta' Dicembru 2013 u ordnat lill-esponent jivvaka fi zmien xahrejn (ara digriet hawn anness bhala Dokument 'RC3';*

*7. Illi sussegwentement permezz ta' rikors iehor (kopja hawn annessa bhala Dokument 'RC4') intavolat fl-14 ta' Mejju 2014 il-konvenuta talbet li l-Qorti joghgobha tawtorizza lill-marixxall jizgassa sabiex ikun jista' jivvaka lill-esponenti mid-dar fuq imsemmija;*

*8. Illi b'digriet tat-3 ta' Gunju 2014 il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) laqghet it-talba kif dedotta u ordnat lill-esponent sabiex jizgombra minnufih mid-'dar matrimonjali' [sic] u dan bl-assistenza tal-Marixxall u tal-pulizija jekk ikun il-kaz (ara Dokument 'RC5 hawn anness);*

*9. Illi fis-17 ta' Gunju 2014 l-konvenuta flimkien mal-Marixxall u ufficjal tal-pulizija marret fuq il-post f'hin meta l-esponenti ma kienx hemm u gew mibdula c-cwievet u s-serraturi biex b'hekk l-esponenti ma kienx ghad fadallu aktar access ghad-dar u gie zgumbrat (ara Dokument 'RC6' hawn anness);*

*10. Illi wara li gie hekk zgumbrat l-esponent kellu bilfors isib kenn temporanjament ma' qraba tieghu izda huwa qieghed jghix fl-indirizz moghti hawn taht purament bil-bona grazia ta' qrabatu u sakemm jippermettulu, u jekk ic-cirkostanzi jinbidlu huwa jispicca minghajr saqaf fuq rasu;*

*11. Illi fid-19 ta' Gunju 2014 l-esponenti intavola rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fejn talab ir-revoka tal-ordnijiet moghtija minnha precedentement fejn huwa gie ordnat jivvaka mid-dar bl-isem 'Waterfalls', Ghajn Kajjet, Rabat, Malta. F'dan ir-rikors l-esponent spjega:*

*'Illi jigi rilevat illi huwa koproprjetarju ta' l-istess dar u billi huwa ilu separat minn martu ghal zmien konsiderevoli din id-dar bl-ebda sforz tal-immaginazzjoni ma tista' tigi konsidrata bhala d-dar matrimonjali billi l-mara tieghu ghandha r-residenza taghha banda ohra.*

*Il-bejgh ta' l-istess dar hija incident tal-fatt ta' koproprjeta' u mhux tal-fatt li hija dar matrimonjali. L-izgumbrament tieghu mill-istess dar jista' jigi ordnat biss wara kawza li ssir fil-kontestazzjoni tieghu u mhux bhala incident ta' rikors semplici ghaliex f'dak il-kaz il-Qorti ma jkollhiex gurisdizzjoni taghmel dan. Illi huwa ma hux avers li d-dar tinbigh imma sa kemm jibqa' koproprjetarju ghandu d-dritt skond il-ligi jaghmel uzu mill-proprjeta' tieghu u ma jistax jigi mcahhad minn dak id-dritt tieghu skond il-ligi.' (ara Dokument 'RC7' hawn anness);*

*12. Illi permezz ta' digriet tat-22 ta' Lulju 2014 il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) cahdet it-talba ghar-revoka tal-ordnijiet moghtija minnha (ara Dokument 'RC8' hawn anness);*

*13. Illi l-gurisdizzjoni tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) hija delineate u determinate mir-Regolament 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.19 (Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjoni tal-Qrati Civili);*

*14. Illi ghalhekk il-materja trattata mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fuq talba tal-konvenuta biex l-esponent jigi zgumbrat mid-dar fuq deskritta kienet tezorbita mill-kompetenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u ghalhekk dik il-Qorti ma kellha ebda gurisdizzjoni li tiddeciedi dwar dik il-materja;*

*15. Illi inoltre fis-sentenza tal-4 ta' Frar 2012 li ppronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet l-esponent ma giex imcahhad mid-dritt li bhala koproprjetarju jabita fid-dar fuq deskritta sakemm din tinbiegh, u ghalhekk*

*lanqas remotament ma jista' jinghad li b'xi mod l-izgombru kien mehtieg biex jesegwixxi l-ordnijiet moghtija fis-sentenza tal-4 ta' Frar 2012 fuq imsemmija;*

*16. Illi fil-fatt wara li giet ippronunzjata s-separazzjoni huwa ghex sentejn wahda f'dik id-dar sakemm gie zgumbrat minn martu l-konvenuta li sadanittant kienet stabbiliet ir-residenza taghha band'ohra, u ghalhekk ma kien hemm ebda kwistjoni dwar dar matrimonjali x'tigi deciza, propju ghaliex id-dar in kwistjoni ma kinitx ghadha d-dar matrimonjali billi b'effett tas-sentenza tal-4 ta' Frar 2012 dik id-dar saret semplici kopropjeta' bejn il-kontendenti izda mhux aktar id-dar matrimonjali;*

*17. Illi kwindi r-rikors tal-konvenuta tal-5 ta' Dicembru 2013 ma kienx il-mod kif il-konvenuta kellha jew setghet tipprocedi u l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ma setghetx tiehu konjizzjoni ta' dik it-talba u tal-atti kollha sussegwenti;*

*18. Illi l-esponent ipprova jirrimedja ghal dan billi jitlob ir-revoka tal-ordnijiet moghtija fil-konfront tieghu izda r-rikors tieghu tad-19 ta' Gunju 2014 gie michud permezz ta' digriet tat-22 ta' Gunju 2014;*

*19. Illi minhabba r-ragunijiet kollha fuq esposti u kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-imsemmija digrieti tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tal-24 ta' Jannar 2014, tat-3 ta' Gunju 2014 u tat-22 ta' Lulju 2014 huma nulli u invalidi u ghandhom jigu dikjarati bhala tali u konsegwentement ghandhom jigu mhassra u annullati;*

*20. Illi ghalhekk l-esponenti kellu jipprocedi bil-prezenti kawza.*

Ghaldaqstant, l-attur jitlob għar-ragunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

*1. Tiddikjara illi r-rikors tal-konvenuta tal-5 ta' Dicembru 2013 ipprezentat quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fl-ismijiet Patricia Cutajar vs Raymond Cutajar li kopja tieghu tinsab hawn annessa bhala Dokument 'RC2', kif ukoll l-atti kollha relattivi u sussegwenti, ma setghux jigu trattati minn dik il-Qorti;*

*2. Tiddikjara d-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tal-24 ta' Jannar 2014, tat-3 ta' Gunju 2014 u tat-22 ta' Lulju 2014 (kopji hawn annessi bhala Dokument 'RC3', 'RC5' u 'RC8' rispettivament) bhala nulli u invalidi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u konsegwentement thassar u tannulla l-istess digrieti;*

*B'riserva ta' kwalsijasi azzjoni ghad-danni naxxenti mill-fatti kif fuq dikjarati.*

Permezz ta' risposta prezentat fis-17 ta' Marzu 2015, il-konvenuta ppremettiet u talbet:-

*1. In linea preliminari, l-eccipjenti tinsisti illi l-attur ghandu jindika l-Artikolu/i tal-Ligi illi fuqhom huwa qieghed jibbaza l-kawza odjerna, u tirrizerva d-dritt taghha illi tipprezenta eccezzjonijiet ulterjuri wara illi l-attur jindika l-bazi tal-azzjoni tieghu;*

*In linea sussidjarja u assolutament minghajr pregudizzju ghad-dritt tal-eccipjenti illi tipprezenta eccezzjonijiet ulterjuri wara illi l-attur jindika specifikament il-bazi tal-azzjoni odjerna, l-eccipjenti teccepixxi s-segwenti:-*

*2.Illi permezz tal-kawza fl-ismijiet fuq premessi, l-attur qieghed jipprova jattakka l-provvedimenti tad-Digrieti moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) preseduta mill-Onorevoli Mhallef Abigail Lofaro nhar l-24 ta' Jannar 2014, it-3 ta' Gunju 2014 u t-22 ta' Lulju 2014 rispettivament*[1] *u dana ghaliex skond l-attur, dika l-Onorabbli Qort ma kellhiex il-kompetenza sabiex taghti l-istess Digrieti;*

*3. Illi l-imsemmija Digrieti nghataw fl-isfond tas-segwenti fatti illi jikkaratterizzaw ir-realta` tal-partijiet wara illi giet ippronuncjata s-separazzjoni personali bejniethom permezz tal-proceduri gudizzjarji fl-ismijiet* ***Patricia Cutajar vs Raymond Cutajar*** *[Rikors Guramentat Numru: 144/2010/AL*[2]*] u fil-kontumacja tal-attur odjern, hemmhekk konvenut:-*

> *a. Illi permezz tas-Sentenza minnha moghtija nhar l-4 ta' Dicembru 2012 (**Dok. RC1)**, l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) preseduta mill-Onorevoli Mhallef Abigail Lofaro, ordnat illi l-fond "Waterfalls", Ghajn Kajjiet, Rabat, Malta, ga` d-dar matrimonjali tal-partijiet (aktar 'il quddiem imsejjah "Id-Dar"), jinbiegh fis-suq miftuh bil-prezz minimu ta' mitejn u ghaxart elef Euro (€210,000.00), b'dan illi r-rikavat tal-istess bejgh jigi diviz b'mod ugwali bejn il-partijiet. Peress illi hadd mill-partijiet ma interpona appell minn din is-Sentenza, l-istess Sentenza saret res judicata;*
>
> *b. Illi wara illi nghatat tali Sentenza (**Dok. RC1**), l-attur illi kien ghadu qieghed ighix fid-Dar,* ***bl-akbar sens ta' dizubbidjenza u disprezz lejn l-awtorita` tal-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja), beda jaghmilha prattikament impossibbli illi d-Dar tinbiegh u dana billi:-***
>
> ***i. kull darba illi l-eccipjenti, jew xi sensar jew agent kienu jiehdu xerrejja prospettivi sabiex jaraw id-Dar, l-attur kien jaghmel xenati u storbju sabiex ma jhalli lil hadd jidhol, u kien ikecci lill-eccipjenti u lix-xerrejja prospettivi minn fuq il-post;***

---

[1] Illi kopji taghhom jinsabu esebiti flimkien mar-Rikors Guramentat tal-attur bhala **Dok. RC3, Dok. RC5 u Dok. RC8** rispettivament.

[2] Illi kopja taghha tinsab esebita flimkien mar-Rikors Guramentat tal-attur bhala **Dok. RC1.**

***ii. izomm id-Dar fi stat hazin hafna illi jgerrex lix-xerrejja prospettivi; u***

***iii. jnehhi kull tabella jew sinjal illi kienu jitwahhlu mad-Dar sabiex jindikaw illi d-Dar kienet ghall-bejgh.***

*c. Illi rinfaccjata b'tali sitwazzjoni, l-eccipjenti ma kellha ebda alternattiva ghajr illi permezz tar-Rikors taghha tal-5 ta' Dicembru 2013*[3] *titlob lill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja)* ***bhala l-Qorti illi kienet tat l-ordni ghall-bejgh tad-Dar, liema ordni kienet qieghda tigi ostakolata mill-attur,*** *sabiex tordna lill-istess attur illi jivvaka d-Dar;*

*d. Illi wara illi rat l-atti tar-Rikors tal-5 ta' Dicembru 2013 [****Dok. RC2]*** *u partikolarment illi* ***l-attur, debitament notifikat, lanqas bissipprezenta r-Risposta tieghu ghall-istess Rikors skond il-Ligi,*** *permezz tad-Digriet taghha tal-24 ta' Jannar 2014, l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) preseduta mill-Onorevoli Mhallef Abigail Lofaro, laqghet it-talba tal-eccipjenti u ordnat lill-attur jivvaka d-Dar fi zmien xahrejn min-notifika tal-istess Digriet;*

*e. Illi minkejja illi gie debitament notifikat bid-Digriet tal-24 ta' Jannar 2014, u* ***minkejja illi ma pprevalixxa ruhu minn ebda procedura gudizzjarja sabiex jattakka l-provvedimenti tal-imsemmi Digriet,*** *l-attur, ghal darb'ohra* ***b'disrispett assolut lejn l-awtorita` tal-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja),*** *irrifjuta illi jivvaka d-Dar, u baqa' jaghmel l-intoppi sabiex id-Dar ma tinbieghx;*

*f. Illi kien ghalhekk illi l-eccipjenti kienet kostretta illi tipprezenta r-Rikors taghha tal-14 ta' Marzu 2014*[4] *sabiex titlob lill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) illi tordna lill-attur sabiex b'mod immedjat jizgombra mid-Dar, u dan bl-assistenza tal-Marixxalli u tal-Pulizija jekk ikun il-kaz;*

*g. Illi wara illi rat l-atti tal-imsemmi Rikors (****Dok. RC4)*** *u partikolarment illi* ***l-attur, debitament notifikat lanqas biss ipprezenta r-Risposta tieghu ghall-istess Rikors skond il-Ligi,*** *permezz tad-Digriet taghha tat-3 ta' Gunju 2014, l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja), ghal darb'ohra preseduta mill-Onorevoli Mhallef Abigail Lofaro, laqghet it-talba tal-eccipjenti.* ***Ghal darb'ohra, l-attur ma pprevalixxa ruhu minn ebda procedura gudizzjarja sabiex jattakka l-provvedimenti tal-imsemmi Digriet****;*

---

[3] Illi kopja tieghu tinsab esebita flimkien mar-Rikors Guramentat tal-attur bhala **Dok. RG2.**
[4] Illi kopja tieghu tinsab esebita flimkien mar-Rikors Gurmanetat tal-attur bhala **Dok. RC4.**

*h. Illi wara illi gie zgumbrat mid-Dar, nhar id-19 ta' Gunju 2014, l-attur ipprezenta Rikors quddiem l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja)[5], fejn talab ir-revoka contrario imperio tad-Digrieti moghtija mill-istess Onorabbli Qorti fl-24 ta' Jannar 2014 u t-3 ta' Gunju 2014 rispettivament, stante illi skond l-attur, dika l-Onorabbli Qorti ma kellhiex il-kompetenza illi taghti l-istess Digrieti peress illi d-Dar ma kinitx ghadha tifforma d-dar matrimonjali tal-partijiet. Din it-talba giet michuda minn dika l-Onorabbli Qorti permezz tad-Digriet tat-22 ta' Lulju 2014[6].*

*4. L-attur qieghed issa jippretendi d-dritt illi jattakka d-Digrieti moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) nhar l-24 ta' Jannar 2014, it-3 ta' Gunju 2014 u t-22 ta' Lulju 2014, moghtija fil-kontumacja ripetuta tieghu, abbazi tal-premessa illi, dejjem skond l-istess attur, dika l-Onorabbli Qorti ma kellhiex il-kompetenza sabiex taghti provvedimenti wara s-separazzjoni legali bejn il-partijiet. Bl-akbar rispett, l-eccipjenti tissottometti illi d-Digrieti tal-24 ta' Jannar 2014 u t-3 ta' Gunju 2014 kienu ordnijiet necessarji sabiex in segwitu jkun possibbli l-bejgh tad-Dar ordnat fis-sentenza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet (**Dok. RC1)**, illi l-eccipjenti, bl-akbar rispett, tissottometti illi kien messhom inghataw mill-istess Onorabbli Qorti fis-sentenza originali (**Dok. RC1)** bhala premessa u dikjarazzjoni necessarja ghall-ordni tal-istess Onorabbli Qorti dwar il-bejgh tad-Dar. B'hekk, il-provvedimenti kontenuti fid-Digrieti tal-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) tal-24 ta' Jannar 2014 u t-3 ta' Gunju 2014, m'huma xejn ghajr amplifikazzjoni tal-ordni ta' bejgh tad-Dar ga` ordnat mill-istess Onorabbli Qorti, illi ghalhekk kjarament illi ma tistax tinghad illi ma kellhiex il-kompetenza sabiex taghti l-istess provvedimenti;*

*5.L-eccipjenti tissottometti bl-akbar rispett illi l-attur kellu kull opportunita` skond il-Ligi illi jikkontesta t-talbiet kontenuti fir-Rikorsi tal-eccipjenti tal-5 ta' Dicembru 2013 u l-14 ta' Mejju 2014 (illi wasslu ghad-Digrieti tal-24 ta' Jannar 2014 u t-3 ta' Gunju 2014), pero` dana l-attur m'ghamlux, u konsegwentement inghataw l-istess Digrieti, illi ormai saru res judicata. L-attur ma jistax issa jittenta l-proceduri odjerni sabiex jirrimedja n-nuqqas tieghu, b'mod hekk tardiv u ostruzjonista, illi jiddefendi l-pozizzjoni legali tieghu entro t-terminu moghti lilu skond il-Ligi, u konsegwentement ixejjen Digrieti illi nghataw wara l-lassitudini assoluta tal-attur illi qatt ma indenja ruhu jwiegeb ghar-rikorsi maghmula;*

*6. Ghaldaqstant, l-eccipjenti teccepixxi bl-akbar rispett illi t-talbiet tal-attur fil-kawza odjerna ghandhom jigu michuda bhala infondati fil-fatt u fid-Dritt, u ghandhom ghalhekk jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur, anke ghaliex jirrizulta illi l-Onorabbli Qorti tal-Familja kienet kompetenti sabiex taghti d-direzzjonijiet de quo;*

---

[5] Illi kopja tieghu tinsab esebita flimkien mar-Rikors Guramentat tal-attur bhala **Dok. RC7.**
[6] Illi kopja tieghu tinsab esebita flimkien mar-Rikors Guramentat tal-attur bhala **Dok. RC8.**

*7.Fl-ahhar lok, l-eccipjenti tixtieq iggib a konjizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti l-fatt illi, kif ser jirrizulta ahjar matul it-trattazzjoni tal-kawza odjerna, l-attur ghadu sal-lum qieghed jaghmel l-intoppi sabiex tinbiegh id-dar. Effettivament huwa* ***rrifjuta, minghajr ebda raguni valida skond il-Ligi,*** *illi jersaq ghall-iffirmar tal-konvenju ghall-bejgh tad-Dar lil Dorian Buhagiar u Diana d'Anastasi, illi f'Settembru 2014 kienu disposti illi jhallsu l-prezz ta' mitejn u hamsa u tletin elf Euro (€235,000.00)*[7]*,* ***liema prezz jeccedi dak stipulat fis-Sentenza tal-4 ta' Frar 2012 (Dok. RC1).*** *L-attur irrifjuta illi jidher ghal tali konvenju bl-iskuza illi huwa kien interessat illi jakkwista sehem l-eccipjenti mill-istess Dar, pero` tali bejgh ma mmaterjalizzax ruhu ghaliex l-attur ma kienx verament interessat illi jaghmel tali akkwist u lanqas ma jidher illi kellu l-fondi ghal dan il-ghan.* ***Tali nuqqas ta' kooperazzjoni u addirittura sabotagg doluz da parti tal-attur qieghed jirreka danni ingenti lill-eccipjenti, illi ghalhekk qieghda tirrizerva minn issa illi tipprocedi b'kull azzjoni ulterjuri ghad-danni fil-konfront tal-attur.***

**Konsiderazzjonijiet**.

B'din il-kawza l-attur talab lill-qorti sabiex thassar digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) li bih gie ordnat jizgombra minn gewwa l-fond Waterfalls, Ghajn Kajjet, Rabat, Malta (digriet tat-3 ta' Gunju 2014).

Fil-qosor 'il fatti huma:-

1. B'sentenza tal-Qorti civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-kawza **Patricia Cutajar vs Raymond Cutajar** (144/2010AL) tal-4 ta' Dicembru 2012 giet ippronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Cutajar. Fis-sentenza l-qorti ordnat li d-dar Waterfalls, Ghajn Kajjet, Rabat, Malta, li xtraw qabel iz-zwieg, tinbiegh fis-suq ghall-prezz ta' €210,000 u r-rikavat jinqasam bejniethom. Is-sentenza hi gudikat.
2. Fil-5 ta' Dicembru 2013 il-konvenuta pprezentat rikors fejn talbet lill-qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut jizgombra minn gewwa l-fond peress li kien qieghed jostakola l-bejgh tal-fond. L-attur ma wegibx u b'digriet tal-24 ta' Jannar 2014 il-qorti laqghet it-talba.
3. B'rikors prezentat fl-14 ta' Mejju 2014 il-konvenuta talbet lill-Qorti Civili, (Sezzjoni tal-Familja) sabiex tawtorizza l-izgass sabiex jitwettaq id-digriet tal-4 ta' Dicembru 2012. B'digriet tat-3 ta' Gunju 2014 il-qorti laqghet it-talba wara li l-qorti qalet li l-attur ma wegibx ghar-rikors.
4. Fis-17 ta' Gunju 2014 l-ordni tal-qorti twettqet.
5. L-attur ippropona rikors fejn talab lill-qorti biex thassar id-digriet tal-24 ta' Jannar 2014 (fol. 25). It-talba kienet bazata fuq il-premessa li: "*.... huwa koproprjetarju ta' l-istess dar u billi huwa ilu separat minn martu ghal zmien konsiderevoli din id-dar bl-ebda sforz ta' l-immaginazzjoni ma tista' tigi kkunsidrata bhala d-dar matrimonjali billi l-mara tieghu ghandha r-residenza taghha banda ohra*". Inoltre qal li zgumbrament

[7] Cioe` mitejn u hamsa u ghoxrin elf Euro (€225,000) ghall-akkwist tad-Dar u ghaxart elef Euro (€10,000.00) ghall-akkwist tal-ghamara, *fixtures and fittings* illi jinsabu fid-Dar.

jista' jigi ordnat wara kawza li ssir kontra tieghu u mhux b'semplici rikors. B'digriet tat-22 ta' Lulju 2014, il-qorti cahdet it-talba.

L-ilmenti tal-attur huma tnejn:-

(i) Il-gurisdizzjoni tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) hi determinata f'regolament 4 tal-Ligi Sussidjarja 12.19. L-ordni ta' zgumbrament ma kinitx taqa' fil-gurisdizzjoni tal-qorti;

(ii) Is-sentenza tal-4 ta' Frar 2012 qatt ma cahdet lill-attur milli jgawdi hwejgu bhala koproprjetarju. Ghalhekk l-izgumbrament ma kienx mehtieg.

Il-qorti rat l-atti li jinkludu noti ta' sottomissjonijiet.

Il-qorti tosserva:-

1. Fl-ewwel lok l-attur ma kellux bzonn li jiddikjara a bazi ta' liema provvediment tal-ligi ppropona din il-kawza[8]. Mir-rikors guramentat hu evidenti li ppropona din il-kawza ghaliex jikkontesta digrieti li nghataw mill-Qorti Civili, (Sezzjoni tal-Familja) tal-24 ta' Jannar 2014, 3 ta' Gunju 2014 u 22 ta' Lulju 2014.

2. Regolament 4 tal-*Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Civili* jipprovdi liema huma l-kawzi li jigu assenjati lill-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja (L.S. 12.19).

   Pero f'dan il-kaz il-konvenuta ma ppropronietx kawza izda rikors fl-atti tal-kawza deciza fl-4 ta' Dicembru 2012. Dan ir-regolament m'ghandu x'jaqsam xejn mad-digriet tal-24 ta' Jannar 2014 u d-digrieti l-ohra li l-attur qieghed jikkontesta b'din il-kawza. L-ordnijiet li jinghataw fil-kors tal-ezekuzzjoni ta' sentenza jridu ovvjament jinghataw mill-qorti li tkun tat is-sentenza.

   Issir ukoll riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **Carmelo Gauci Bianchi vs Emanuele Sultana** (10 ta' Dicembru 1951, Volum XXXV.i.232):-

   *"Illi huwa principju accettat mid-dottrina li kwalunkwe kontroversja li tista' tqum dwar l-ezekuzzjoni ta' sentenza ghandha tigi deciza mill-enti gudizzjarja li jkun gie nvestit mill-ligi bil-poter kompetenzjali sabiex jaghti kors ezekuttiv ghal dik l-istess sentenza; u dana ghar-raguni li kwalunkwe kwistjoni, anki ta' meritu, li tkun, biex hekk inghidulha, imlaqqma mill-istess gudizzju jew procediment ezekuttiv, in kwantu l-istess tkun itniza sabiex tohloq ostakolu ghall-prosekuzzjoni tieghu, u kwindi mhabba dak l-innest, l-istess tidhol fil-kompetenza ta' dak l-istess gudikant jew tribunal li jkollu biss l-awtorita li jordna l-*

[8] Ara l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta.

*ezekuzzjoni.* ***Del resto jinghad ukoll li min ghandu s-setgha jaqta' l-kwistjoni principali u jordna l-ezekuzzjoni tad-decizjoni tieghu, ghandu wkoll ikollu logikament il-poter li jara li l-istess decizjonijiet ma jkunux imfixkla fl-ezekuzzjoni taghhom u konsegwentement ghandu jiddirimi kwalunkwe ostakolu li jinholoq fl-andament u fil-kors ta' l-attijiet kompetenzjali tieghu****. Fi kliem iehor l-ostakolu ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza huwa ncident ta' l-istess ezekuzzjoni, u kwindi jidhol fil-komptenza ta" l-enti gudizzjarju li jkun emanah fuq l-awtorita' tieghu, cjoe' li jkun hareg dak l-att ezekuttiv; b'mod li jekk l-opposizzjoni tkun valida, huwa ghandu jintratteniha, mentri ghall-kuntrarju, jekk tkun bla bazi, ghandu jirrafforza l-ezekuzzjoni tal-gudikat tieghu".*

Inoltre m'huwiex kontestat li l-fond in kwistjoni kien id-dar matrimonjali. Skond l-Artikolu 55A(b) tal-Kodici Civili qorti tista' tordna:

*"li d-dar taż-żwieġ għandha tinbiegħ, fejn tkun sodisfatta illi ż-żewġ partijiet u uliedhom ser ikollhom akkomodazzjoni oħra xierqa, u li r-rikavat tal-bejgħ għandu jiġi assenjat lill-partijiet kif il-qorti jidhrilha xieraq".*

Hu veru li dan il-provvediment jipprovdi li din it-tip ta' ordni tinghata fuq talba ta' wahda mill-partijiet u ma jirrizultax jekk fil-kawza tas-separazzjoni kienx hemm xi talba simili. Pero' jibqa' 'l fatt li l-ordni li jinbiegh il-fond Waterfalls, Ghajn Kajjet, Rabat tifforma parti minn sentenza li hi *res judicata*.

3. Ghalkemm l-attur huwa koproprjetarju tal-fond flimkien ma' martu, pero' hu minnu wkoll li hemm sentenza ta' qorti, li hi *res judicata*, li ordnat li l-fond jinbiegh fis-suq ghall-prezz ta' €210,000. Id-digriet tal-24 ta' Jannar 2014 kien mehtieg sabiex tkun tista' tigi ezegwita s-sentenza tal-qorti. Il-konvenuta rrakontat dwar l-ostakoli li qieghed jaghmel zewgha fit-tentattivi taghha sabiex issib il-bejgh tal-fond (ara paragrafi 7, 8 u 9 tal-affidavit a fol. 75). Verzjoni li m'hijiex kontradetta. Hu evidenti li r-ragel kien ikkappara d-dar ghall-uzu tieghu u m'ghandux ghaggla li tinbiegh. Anzi jidher li l-interess tieghu hu li kemm jista' jkun itawwal il-process. Tant dan hu minnu li wasal biex jargumenta li l-kuraturi nominati mill-qorti m'ghandhomx il-poter li jiffirmaw il-konvenju ghaliex fil-parti dispozittiva tas-sentenza nghad li l-kuraturi qeghdin jigu nominat *"…. fl-eventwalita' li ma jidhirx fuq l-att ta' trasferiment"* (fol. 44)[9]. Argument li fil-fehma tal-qorti huma banali u anzi juri b'liema *animus* qieghed jagixxi l-attur.

4. Bl-agir tieghu l-attur qieghed jistultifika li titwettaq is-sentenza tal-qorti. Hu ovvju li l-presenza tieghu fid-dar isservi biss biex tgerrex xerrejja prospettivi. Dan m'ghandux ikun. Qorti ghandha l-poter li

[9] Ara ittra legali datata 17.9.2014 (fol. 105).

taghti dawk l-ordnijiet li tqies li huma mehtiega sabiex titwettaq is-sentenza. L-agir tal-attur hu sfida ghall-ordni tal-qorti. Min qieghed jaghmel hazin ikun qieghed jinghata l-ghodda biex ikompli jaghmel il-hazin jekk kellu jigi deciz li l-konvenuta kellha tipproponi kawza ohra biex zewgha jinhareg mid-dar. Dan m'huwiex il-mod kif tigi amministrata l-gustizzja.

5. Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attur argumenta li l-konvenuta kellha rimedji ohra x'setghet titlob, bhal li tigi awtorizzata ddahhal xerrejja prospettivi jaraw il-fond, *"[....] liema talba setghet forsi b'xi mod tigi kkunsidrata bhala ordni ta' ezekuzzjoni tal-istess sentenza......"*. L-attur qieghed jaccetta li hemm ordnijiet li jistghu jinghataw mill-qorti ntizi sabiex is-sentenza tkun tista' tigi ezegwita, izda hu tal-fehma li gialadarba kien hemm rimedji mhux daqstant drastici allura l-konvenuta kellha tfittex ghal dawk ir-rimedji. Il-qorti ma taqbilx. Hi parti li taghzel x'tip ta' rimedju titlob u mbaghad il-qorti trid tiddeciedi tilqax it-talba.

6. Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attur qal li qatt ma nghata dettalji dwar il-bejgh prospettiv. F'dan ir-rigward m'hemmx provi. F'kull kaz kieku kkomporta ruhu b'edukazzjoni u genwinament kellu nteress li l-fond jinbiegh, kien jinghata t-taghrif meta martu hadet xerrej prospettiv biex jara d-dar. Pero' hu evidenti li addotta atteggament ostili bil-ghan li jgerrex lix-xerrej prospettiv.

7. Fin-nota ta' sottomissjonjiet l-attur ippropona argument gdid li ma jissemmiex fir-rikors guramentat, fis-sens li mandat ta' zgumbrament jista' jinhareg biss wara sentenza li tordna l-izgumbrament u s-sentenza tal-4 ta' Frar 2012 ma fihiex ordni li l-attur jigi zgumbrat minn gewwa l-fond komuni. Kawza ghandha tigi deciza a bazi tal-kawzali li hemm fir-rikors guramentat u mhux a bazi ta' argumenti godda li attur jipproponi f'nota ta' sottomissjonijiet. F'kull kaz is-sentenza tas-separazzjoni hi titolu ezekuttiv. F'dan il-kaz hu evidenti li l-qorti apprezzat li minhabba l-agir tal-attur, sabiex tkun tista' tigi ezegwita s-sentenza tal-4 ta' Frar 2011 kien mehtieg li l-attur jigi zgumbrat mill-fond. Il-probabilita' hu li xerrej prospettiv m'huwiex ser jixtri d-dar ladarba jirrizultalu li ser ikollu joqghod jipproponi kawza sabiex wara li jixtri jiehu l-pussess tal-fond. Kif osservat il-konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet id-digrieti huma wkoll titolu ezekuttiv (Artikolu 253(a) tal-Kap. 12). Id-digrieti li nghataw mill-qorti kienu l-mezz sabiex jigi zgurat l-ezekuzzjoni tas-sentenza tal-4 ta' Dicembru 2012.

8. Fir-rigward tat-tieni lment tal-attur, il-komunjoni m'hijiex xi cavetta sabiex koproprjetarju juza' l-proprjeta kif irid. Hu veru li l-Artikolu 491 tal-Kodici Civili jipprovdi li koproprjetarju jista' jinqeda bil-haga in komun, pero' jipprovdi wkoll li **basta**:-

(a) *li jinqeda bil-ħaġa skont id-destinazzjoni tagħha kif stabbilita bl-użu;*

(b) ***li ma jinqediex bil-ħaġa kontra l-interess tal-komunjoni, jew b'mod li ma jħallix lill-komproprjetarji l-oħra jinqdew biha in komun skont il-jeddijiet tagħhom***.

L-agir tal-attur hu proprju l-oppost ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 491(b) tal-Kodici Civili. Illum hemm *res judicata*, u li fiha hemm ordni li l-fond ghandu jinbiegh. L-ostakoli li qieghed jaghmel l-attur, ghaliex ovvjament kien komdu jibqa' jghix fid-dar, imorru kontra dak li jiddisponi l-Artikolu 491(b) tal-Kodici Civili. Il-konvenuta ghandha jedd li tizgura li tigi ezegwita s-sentenza tal-4 ta' Frar 2012. Ghaldaqstant l-attur ma jistax jinqeda bl-argument li bhala koproprjetarju ghandu dritt li jaghmel uzu mid-dar sakemm tinbiegh.

**Ghal dawn il-motivi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni, tichad it-talbiet tal-attur bl-ispejjez in kwantu ghal 5% a karigu tal-konvenuta u l-kumplament a karigu tal-attur.**

Anthony Ellul.